MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 1/2014

**Lawrence Curmi**

**Vs**

**Id-Direttur, Progetti u Zvilupp u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2014 gie ikkoregut ghal id-Direttur Progetti u Zvilupp fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex.**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba prezentat fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbtax (2014) li permezz tieghu l-attur talab hlas minn ghand il-konvenut fl-ammont ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€ 3494.06) rapprezentanti hlas ghal stallazzjoni ta' apparat f'biccerija skond fattura numerata tlieta u ghoxrin datata il- 5 ta' Jannar 2012.

Il-konvenut irrisponda billi fl-ewwel lok issolleva l-fatt illi l-Avukat Generali ma giex notifikat; fit-tieni lok eccepixxa n-nullita ta' l-azzjoni attrici stante illi l-azzjoni ma gietx preceduta minn ittra ufficcjali fit-termini ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12; fit-tielet

lok giet eccepita l-preskrizzjoni fit-termini ta' l-artikolu 2149 (c). Bir-raba u l-hames eccezzjoni l-kreditu pretiz gie attakkat fil-mertu.

Sema ix-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha.

Ra is-sentenza preliminari tieghu tad-19 ta' Mejju 2014

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak aktar kmieni fis-seduta tal-lum li permezz tieghu din il-kawza giet posposta ghas-sentenza fil-mertu.

Ikkunsidra.

Illi qabel xejn ser tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fit-termini ta' l-artikolu 2149 (c) tal-Kap 12 stante illi jekk kkolta din isservi ta' ostakolu ghal kull indagni fil-mertu.

Il-hlas tal-attur kien bil-percentagg fuq il-kontijiet finali. Il-kontijeit kienu johorgu perjodikament. L-ahhar wiehed hareg fil-5 ta' Jannar 2012. Fuqu l-attur talab il-hlas dovut bil-percentagg. Illi dato sed non conceso anke jekk wiehed jargumenta ili sal-lum kellha tiddekorri xi preskrizzjoni, kwalsijasi preskrizzjoni giet interrotta bl-ittra ufficcjali ta' l-10 ta' Dicembru 2012. Giet ukoll rinunzjata kwalsijasi preskrizzjoni in vista tax-xhieda moghtija illum fejn id-Direttur ghal progetti u zvilupp iddikjara illi skond dak li fthemu l-partijiet l-ammont kien dovut u l-unika raguni ghal fejn ma sarx il-hlas kienet minhabba intervent ta' l-awditur generali u tal-Public Accounts Committee. L-eccezjoni tal-preskrizzjoni ghalhekk qed tigi respinta.

Illi fil-mertu jidher illi l-ftheim kien wiehed car li fehmuh iz-zewgt partijiet. Ghal partijiet qatt ma kien hemm ekwivoku u mis-sena 2005 sas-sena 2011 il-hlas dejjem sar bil-mod u manjiera kif fthemu l-partijiet u kif l-akkordju gie mifhum mil-partijiet. Jidher illi l-intopp inqala fl-ahhar kont meta l-Public Accounts Committee irrileva li f'ghajnejh il-partijiet ma kienux qed jimxu ma dak mifthiem, u li aktarx l-attur kien qed jithallas oltre dak dovut. Jidher illi dan ma kienx il-kaz u jidher ukoll illi min naha tal-konvenut il-Pulic Accounts Committee ma inghatax l-ispjegazzjonijiet mehtiega min naha tad-dipartiment koncernat. L-affarijiet ma jsirux hekk. Dan aktar u aktar meta jirrizulta illi l-partijiet kinu fil-passat iddiskutew wahda u sew il-klawsoli tal-hlas bl-intervent ta' ufficcjali ohra tal-gvern. Dan kollu jaghti ragun lil attur fut-talba tieghu.

Il-fthem kien car ghal l-atur u ghal min ikkuntratta mieghu, ir-rati kienu cari u l-partijiet imxew fuqhom. Internament, jekk hemm xi haga li mhix cara il-gvern ghandu jirregola is-sitwazzjoni hu minghajr ma jinvolvi lilattur u minghajr ma jkollu riperkussjonijiet fuq l-attur.

L-ammont dovut lil attur huwa aktar minn dak mitlub,izda kif spjega l-attur huwa irriduca t-talba tieghu voluntarjament sabeix jaqa fil-kompetenza ta' dan it-tribunal sabiex jiehu gudizzju aktar spedituz.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet ta' l-attur jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut; jikkundanna lil konvenut ihallas lil attur is-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€ 3494.06); bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali 450/2012 u bl-ispejjes kif mitlub fl-avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------